TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 494/10

**Gordon Schembri**

**vs**

**Gary Buttigieg**

Illum 27 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-17 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf ewro (€1,000), rappreżentanti depożitu fuq xogħol li l-intimat kellu jagħmel fil-fond tar-rikorrenti, liema xogħol ma sarx kif kien miftiehem.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ħallas depożitu ta' elf ewro (€1,000) lill-intimat sabiex jagħmel xi xogħol fil-fond tiegħu, u liema xogħol ma sarx kif kien miftiehem, u skond iċ-ċertifikat tal-perit kien xogħol inferjuri u li x-xogħol ma tlestiex.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba, kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, baqa' ma deherx għas-seduta.

Kif ukoll, it-Tribunal jinnota illi sal-ħin tas-seduta, l-intimat kien għadu ma ssottomettiex risposta għal din it-talba, minkejja li kien notifikat.

It-Tribunal, wara li sema' lir-rikorrenti u ra ċ-ċertifikat tal-perit, jikkonkludi li r-rikorrenti għandu raġun.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas l-ammont ta' elf ewro (€1,000), bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888